**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 497/2016**

**Illum: 19 ta' Settembru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Kurt Zahra u Roderick Spiteri)**

**vs**

**Dominic Agius**
**(ID 474893(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dominic Agius, iben Doris (Dolores) xebba Agius, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Awwissu, 1993, u residenti gewwa 85, Osanna Pia, Triq Rudolfu, Tas-Sliema, detentur tal-karta tal-identita` numru 474893(M);

1) Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' Settembru 2016, ghall-habta tal-22:00hrs, gewwa Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' 'handbag', twenty euro (€20) fi flus kontanti, u telefon cellulari tal-ghamla 'Iphone', liema serq sar ghad-dannu ta' Vira Pylar ta' nazzjonalita` Rumena b'numru tal-passaport FB704393, u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jiskorrix l-

ammont ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37c);

2) U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Vira Pylar ta’ nazzjonalita` Rumena u b’numru tal-passaport FB704393, hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Luca Conti (Medical Registration number 5712);

3) Akkuzat ukoll talli huwa sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma’ tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu waqt l-ezami maghmul lilu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll illi din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u li huwa mill-ewwel kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, kif ukoll il-fedina penali tieghu u illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, illi l-griehi mgarrba mill-vittma jikkwalifikaw taht l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal fini ta’ piena, applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 20, 49, 50, 216, 261(a), 261(c) u 261(f), 262, 267, 274(b), 277(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta’ erba’ (4) snin prigunerija effettiva.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-habs illi l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jsegwi programm residenzjali ghal dan il-ghan.

Tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat